Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 12 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12302/22

LIMITE

JUR 579
TELECOM 364
COSI 217
JAI 1155
ENFOPOL 451

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0106(COD)**

**OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI**[1]

| | |
|---|---|
| minn: | Servizz Legali |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali<br>– Adegwatezza tal-bażijiet ġuridiċi tal-Artikoli 114 u 16 TFUE b'rabta mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji |

## I. INTRODUZZJONI

1. Ir-Regolament propost jistabbilixxi regoli armonizzati għat-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fis-servizz ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali ("sistemi tal-IA") fl-Unjoni (ir-"Regolament propost")[2].

[1] Dan id-dokument fih parir legali protett taħt l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ħariġx għall-pubbliku. Il-Kunsill jirriżerva d-drittijiet legali kollha tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe pubblikazzjoni mhux awtorizzata.
[2] Dok. 8115/21.

2. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Informazzjoni tas-7 ta' April 2022, is-Servizz Legali tal-Kunsill ("SLK") intervjena dwar il-kwistjoni tal-adegwatezza tal-bażijiet ġuridiċi doppji (l-Artikoli 16 u 114 TFUE) għar-Regolament propost dwar sistemi tal-intelliġenza artifiċjali ("sistemi tal-IA"). L-ispjegazzjonijiet ikkonfermaw li l-Artikoli 16 u 114 TFUE huma l-bażijiet ġuridiċi korretti għall-proposta u li r-rikors għall-Artikolu 87(2) TFUE, minflok l-Artikolu 114 TFUE, mhuwiex adatt. Fuq it-talba tal-Grupp ta' Ħidma, din l-opinjoni tistipula bil-miktub u tiżviluppa aktar l-ispjegazzjonijiet mogħtija mir-rappreżentant tas-SLK f'dik il-laqgħa.

3. Is-sistemi tal-IA huma definiti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament propost. B'mod ġenerali, dawn jikkorrispondu għal ċerti tipi ta' software. Ir-Regolament propost japplika kemm għall-fornituri li jqiegħdu s-sistemi tal-IA fis-suq kif ukoll għall-fornituri li jqiegħdu s-sistemi tal-IA fis-servizz. Barra minn hekk, ir-Regolament propost japplika wkoll għall-utenti. Fornitur jista' jkun persuna fiżika jew ġuridika jew awtorità/entità pubblika li tiżviluppa sistema tal-IA jew li jkollha sistema tal-IA żviluppata, bil-ħsieb li tqegħidha fis-suq jew tqegħidha fis-servizz b'isimha jew bit-trademark tagħha stess. Utent jista' jkun kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li juża sistema tal-IA bl-awtorità tiegħu.

PUBLIC

4. Skont id-definizzjonijiet fl-Artikolu 3, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji jistgħu jikkwalifikaw bħala fornituri u/jew utenti ta' sistema tal-IA. Is-sistemi tal-IA li l-għan maħsub tagħhom, kif definit mill-fornitur, huwa l-infurzar tal-liġi jew l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, huma kklassifikati li għandhom riskju kbir skont l-Anness III. B'hekk, huma soġġetti għal rekwiżiti essenzjali (ġestjoni tar-riskju, ittestjar, governanza tad-*data*, dokumentazzjoni teknika, trasparenza, sorveljanza mill-bniedem, preċiżjoni, robustezza u ċibersigurtà) u għal obbligi (bħal sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità, dokumentazzjoni teknika, valutazzjoni tal-konformità, azzjonijiet korrettivi, dmir tal-informazzjoni, obbligi tal-importaturi u tad-distributuri) kif ukoll standards u valutazzjoni tal-konformità. Dawn ir-regoli armonizzati huma ispirati minn dawk li japplikaw għas-sikurezza tal-prodotti fid-Direttiva 2006/42/KE (makkinarju)[3] u r-Regolament 2017/745 (apparati mediċi)[4].

5. Fir-rigward tas-sistemi tal-IA li jinvolvu l-użu ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-fini tal-infurzar tal-liġi, dawn jaqgħu taħt il-kategorija ta' sistemi tal-IA pprojbiti. Madankollu, din il-projbizzjoni fuq l-użu tas-sistemi tal-IA hija soġġetta għal eċċezzjonijiet. Fil-fatt, l-użu ta' sistemi bħal dawn jista' jew jista' ma jiġix awtorizzat mill-Istati Membri. Jekk ikunu awtorizzati, huma soġġetti għal restrizzjonijiet u salvagwardji dettaljati sabiex jillimitaw l-użu tagħhom għal dak li huwa strettament meħtieġ, u sabiex jiġi protett id-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali. Dawk ir-restrizzjonijiet u s-salvagwardji huma previsti fir-Regolament propost abbażi tal-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u għandhom jiġu kkomplementati mil-liġi nazzjonali. L-Artikoli 5(1)(d), (2), (3) u (4) tar-Regolament propost jikkostitwixxu *lex specialis* għad-Direttiva 2016/680 (id-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-data fl-infurzar tal-liġi "LED") li ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 16(2) TFUE.

---

[3] Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE, ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24-86.

[4] Ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi, li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 u r-Regolament (KE) Nru 1223/2009 u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 90/385/KEE u 93/42/KEE, ĠU L 117, 5.5.2017, p. 1–175.

Skont l-Artikolu 5(1)(d), l-objettivi ta' dawk is-sistemi huma limitati għal:

i) it-tfittxija mmirata għal vittmi potenzjali speċifiċi ta' reati, inkluż tfal neqsin;

ii) il-prevenzjoni ta' theddida speċifika, sostanzjali u imminenti għall-ħajja jew għas-sikurezza fiżika ta' persuni fiżiċi jew ta' attakk terroristiku;

iii) il-kxif, il-lokalizzazzjoni, l-identifikazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' awtur jew ta' persuna suspettata ta' reat kriminali msemmi fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew[5] u punibbli fl-Istat Membru kkonċernat b'piena li ċċaħħad il-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin, kif determinat bil-liġi ta' dak l-Istat Membru

Skont l-Artikolu 5(3), l-użu ta' tali teknoloġiji mill-infurzar tal-liġi jrid ikun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva. Madankollu, f'każ ta' urġenza ġustifikata kif xieraq, l-użu tas-sistema jista' jinbeda mingħajr awtorizzazzjoni u l-awtorizzazzjoni tista' tintalab matul jew wara l-użu.

Skont l-Artikolu 5(4), Stat Membru jista' jiddeċiedi li jawtorizza l-użu ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-fini tal-infurzar tal-liġi u jiddefinixxi r-regoli dettaljati meħtieġa għat-talba, għall-ħruġ u għall-eżerċizzju tal-awtorizzazzjoni minn qabel kif ukoll ir-reati kriminali relatati.

6. Il-bażijiet ġuridiċi tar-Regolament propost huma l-Artikoli 16 TFUE (protezzjoni taddata personali) u 114 TFUE (il-funzjonament tas-suq intern). Għalhekk, tqum il-mistoqsija dwar l-adegwatezza ta' dawk il-bażijiet ġuridiċi fir-rigward tar-regoli armonizzati applikabbli għas-sistemi tal-IA pprovduti jew użati mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji.

[5] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/JHA tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri, ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.


PUBLIC

7. Din l-opinjoni tiffoka l-ewwel fuq l-adegwatezza tal-bażi ġuridika tal-Artikolu 114 TFUE, fil-kuntest partikolari tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi li jissemmew f'diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament propost, jiġifieri fir-rigward tas-sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku, u s-sistemi tal-IA b'riskju kbir imsemmija fil-punt 6 tal-Anness III. Għalhekk, din tindirizza l-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 87(2) TFUE (kooperazzjoni tal-pulizija) ikunx bażi ġuridika aktar xierqa biex ikopri l-forniment u l-użu tas-sistemi tal-IA mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, minflok l-Artikolu 114 TFUE (it-Taqsima II). B'analoġija, il-konklużjoni ta' din in-nota tista' tiġi applikata għall-awtoritajiet ġudizzjarji msemmija fl-Anness III dwar is-sistemi tal-IA b'riskju kbir.

8. Din in-nota tindirizza wkoll l-adegwatezza tal-bażi ġuridika addizzjonali tal-Artikolu 16 TFUE u l-applikazzjoni tal-Protokolli 21 u 22 fil-kuntest tal-użu ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku mill-infurzar tal-liġi (it-Taqsima III).

PUBLIC

## II. ADEGWATEZZA TAL-BAŻI ĠURIDIKA TAL-ARTIKOLU 114 TFUE

9. Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi ġuridika ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-objettiv segwit, iżda għandha tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura. Jekk l-eżami ta' miżura juri li din għandha fini doppju jew li għandha komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-fini jew il-komponent prinċipali jew predominanti, waqt li l-ieħor huwa biss inċidentali, dik il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-fini jew mill-komponent prinċipali jew predominanti. F'każ eċċezzjonali biss, jekk jiġi stabbilit li l-att isegwi b'mod simultanju għadd ta' objettivi, marbutin b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett meta mqabbel mal-ieħor, tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti, sakemm dawn il-bażijiet ġuridiċi ma jippreskrivux proċeduri li huma inkompatibbli ma' xulxin. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 114(1) TFUE tagħmilha ċara li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu japplikaw "[ħ]lief fejn provdut xort'oħra fit-Trattati". Għaldaqstant, l-użu tal-Artikolu 114 TFUE huwa ġustifikat biss jekk dispożizzjoni aktar speċifika ma tkunx tista' tikkostitwixxi l-bażi ġuridika għall-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni[6]. Jekk it-Trattat jinkludi dispożizzjoni aktar speċifika li tkun kapaċi tikkostitwixxi l-bażi ġuridika għall-miżura inkwistjoni, dik il-miżura trid tkun imsejsa fuq tali dispożizzjoni[7].

6 Opinjoni tas-SLK tas-17 ta' Mejju 2016, 9007/16, paragrafu 6.

7 Sentenza tad-29 ta' April 2004, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C- 338/01, EU:C:2004:253, paragrafu 60.

## A. GĦAN TAR-REGOLAMENT PROPOST

10. Ir-Regolament propost jarmonizza t-tqegħid fis-suq, it-tqegħid fis-servizz u l-użu ta' tip partikolari ta' software (sistemi tal-IA). Il-fatt li l-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi privati jistgħu jkunu fornituri jew utenti ta' tali sistemi tal-IA mhuwiex inkompatibbli per se mal-bażi ġuridika tal-Artikolu 114 TFUE[8].

11. Barra minn hekk, il-fatt li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew dawk li jaġixxu f'isimhom jistgħu jkunu fost il-fornituri jew l-utenti ta' tali sistemi tal-IA mhuwiex biżżejjed biex jiġġustifika r-rikors għall-bażi ġuridika tal-Artikolu 87 TFUE. L-għan u l-kontenut tar-Regolament propost għandhom jiġu analizzati sabiex jiġi ddeterminat jekk dan huwiex meħtieġ.

12. B'mod ġenerali, ir-Regolament propost għandu l-għan, inkluż fir-rigward tas-sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku, u tas-sistemi tal-IA b'riskju kbir, li jiżgura livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha filwaqt li jipprevjeni d-diverġenzi milli jfixklu l-moviment liberu tas-sistemi tal-IA u tal-prodotti u s-servizzi relatati fis-suq intern. Huwa jistabbilixxi obbligi uniformi għall-operaturi u jiggarantixxi l-protezzjoni uniformi ta' raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku u tad-drittijiet tal-persuni fis-suq intern kollu (Premessa 2). B'mod aktar speċifiku, ir-Regolament propost jistabbilixxi regoli li jirregolaw it-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fis-servizz ta' ċerti sistemi tal-IA, u b'hekk ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u dawk is-sistemi jitħallew jibbenefikaw mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-prodotti u tas-servizzi (Premessa 5). B'mod ġenerali, il-proposta tfittex li tistabbilixxi IA affidabbli mid-disinn, applikabbli b'mod ġenerali, b'sett sħiħ ta' regoli għall-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prodotti, servizzi u sistemi xprunati mill-IA. Minħabba li l-IA diġà sabet postha f'għadd kbir ta' servizzi u prodotti u ser tkompli tagħmel dan fil-futur, il-proposta ssegwi loġika tas-suq intern billi tistabbilixxi "qafas għas-sikurezza tal-prodotti" mibni fuq sett ta' erba' kategoriji ta' riskju. Dan jimponi rekwiżiti għad-dħul fis-suq u ċ-ċertifikazzjoni ta' Sistemi tal-IA b'Riskju Kbir permezz ta' proċedura obbligatorja tal-immarkar CE.

---

[8] Ara l-Opinjoni Legali tas-SLK (ST 11395/14 punti 39 sa 41) u preċedenti bħad-Direttiva (UE) 2016/2102, id-Direttivi 2014/24/UE, 2014/25/UE u 2014/23/UE.



PUBLIC

13. L-ebda wieħed mill-għanijiet iddikjarati tar-Regolament propost ma jirreferi għall-iżgurar tal-objettivi tas-sigurtà pubblika. Anki jekk l-objettivi tas-sigurtà pubblika jridu jiġu ssodisfati indirettament permezz tal-proċess ta' armonizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq/it-tqegħid fis-servizz/l-użu tas-sistemi tal-IA mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-Qorti[9], filwaqt li tinterpreta l-Artikolu 87(2) TFUE fid-dawl tal-Artikolu 67 TFUE, iddikjarat li, sabiex att tal-Unjoni, b'kont meħud tal-għan u l-kontenut tiegħu, ikun ibbażat fuq l-Artikolu 87(2), irid ikun marbut direttament mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 67 TFUE (jiġifieri f'dan il-każ, il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-kooperazzjoni tal-pulizija). Dan huwa eskluż fil-kuntest tar-Regolament propost, peress li l-uniċi regoli armonizzati dwar l-użu ta' tali sistemi mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma (1) regoli tat-tip ta' sikurezza tal-prodotti li japplikaw b'mod uniformi għall-fornituri u għall-utenti kollha b'rabta mat-tqegħid fis-suq/fis-servizz jew mal-użu tas-sistemi tal-IA jew (2) regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali li għalihom ġiet miżjuda l-bażi ġuridika tal-Artikolu 16 TFUE (ara l-Parti III hawn taħt).

14. F'każ ieħor[10], minkejja li l-objettiv tal-emenda tad-Direttiva dwar l-Armi tan-Nar kien li jiġi żgurat livell ogħla ta' sigurtà pubblika fir-rigward tat-theddida terroristika u forom oħra ta' kriminalità, il-Qorti ddeċidiet li l-armonizzazzjoni tal-aspetti relatati mas-sikurezza tal-prodotti hija waħda mill-elementi essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, peress li regoli differenti f'dan il-qasam joħolqu ostakli għall-kummerċ[11].

---

[9] Sentenza tas-6 ta' Mejju 2014, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, C-43/12, EU:C:2014:298.

[10] Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019, *Ir-Repubblika Ċeka vs il-Parlament Ewropew*, C-482/17, EU:C:2019:1035.

[11] *Ibid.*, paragrafu 57: "*Issa, billi l-karatteristika tal-armi tan-nar hija, kuntrarjament għal dak li r-Repubblika tal-Polonja tallega, il-periklu tagħhom mhux biss għall-utenti, iżda wkoll għall-pubbliku inġenerali, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà irrilevat fil-punt 54 tas-sentenza tat- 23 ta' Jannar 2018, Buhagiar et (C-267/16, EU:C:2018:26), kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà pubblika jidhru, kif il-ħames premessa tad-Direttiva 91/477 tfakkar, indispensabbli fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni dwar l-akkwist u l-pussess ta' din il-merkanzija*". Ara wkoll is-Sentenza tat-23 ta' Jannar 2018, *Albert Buhagiar et vs Minister for Justice*, C-267/16, EU:C:2018:26, il-paragrafu 54: *"F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, fid-dawl tar-riskju għas-sigurtà tal-persuni li għandhom l-armi tan-nar, il-moviment liberu tagħhom ma setax jintlaħaq ħlief permezz ta' regolament strett tal-kundizzjonijiet ta' trasferiment tagħhom bejn l-Istati Membri, inkluż il-prinċipju ta' awtorizzazzjoni minn qabel mogħtija mill-Istati Membri kkonċernati minn trasferiment ta' tali merkanzija"*.

15. L-objettivi tar-Regolament propost, inkluż l-Artikolu 5(1)(d), (2), (3) u (4) dwar l-użu ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-fini tal-infurzar tal-liġi u d-dispożizzjonijiet relatati mas-sistemi tal-IA b'riskju kbir msemmija fil-punt 6 tal-Anness III, mhumiex marbuta direttament ma' objettiv tas-sigurtà pubblika. Għall-kuntrarju, il-proposta twieġeb għat-tħassib ewlieni relatat ma' kif is-sistemi tal-IA jaffettwaw is-saħħa, is-sikurezza u d-drittijiet fundamentali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet rilevanti huma marbuta direttament mal-objettiv li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti fit-tqegħid fis-suq/fis-servizz jew fl-użu ta' sistemi tal-IA fis-suq intern, filwaqt li jiġu protetti s-saħħa, is-sikurezza u d-drittijiet fundamentali tal-utenti.

16. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-objettiv ewlieni tar-Regolament propost huwa li jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 114 TFUE u l-objettivi msemmija fl-Artikolu 67 TFUE huma marbuta biss indirettament u inċidentalment ma' dak l-objettiv ewlieni.

## B. <u>KONTENUT TAR-REGOLAMENT PROPOST</u>

17. Ir-Regolament propost essenzjalment fih regoli dwar x'inhu meħtieġ biex prodott speċifiku (software tal-IA) jitqiegħed fis-suq (jew biex jitqiegħed fis-servizz) sabiex jiġi żgurat li jkun sikur u jirrispetta d-drittijiet fundamentali. Dan jistabbilixxi sett sħiħ ta' regoli għall-iżvilupp, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prodotti, servizzi u sistemi xprunati mill-IA. Ir-Regolament propost la jobbliga lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jużaw sistema tal-IA li titqiegħed legalment fis-suq, u lanqas ma jirregola direttament kif l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jużaw tali sistema tal-IA. Minflok, dan jiddelimita b'mod ċar sitwazzjonijiet fejn l-użu maħsub jitqies ta' riskju kbir sempliċiment minħabba li sistema tal-IA ser tintuża mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarji.

18. Inċidentalment, l-Artikolu 29 tar-Regolament propost fih regoli dwar il-kundizzjonijiet għall-użu ta' sistemi tal-IA b'riskju kbir iżda tali dispożizzjoni mhijiex speċifika għas-settur, għandha kamp ta' applikazzjoni limitat (prinċipalment rigward l-istruzzjonijiet għall-użu tal-prodott) u hija intrinsikament marbuta mal-obbligi imposti fuq l-iżviluppaturi tas-sistemi tal-IA skont ir-Regolament propost. Dan jagħti wkoll lill-Istati Membri xi ftit flessibbiltà biex jipprevedu aktar regoli dwar l-użu ta' tali sistemi tal-IA b'riskju kbir. Fir-rigward tas-sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku użati għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi (l-Artikolu 5), ir-Regolament propost jirregola parzjalment l-użu ta' tali sistemi mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-data abbażi tal-Artikolu 16 TFUE (ara l-parti III hawn taħt).

19. Barra minn hekk, l-Istati Membri biss jistgħu jiddeċiedu li jipprevedu l-possibbiltà li jawtorizzaw kompletament jew parzjalment l-użu ta' tali sistemi ta' identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali". Il-kundizzjonijiet speċifiċi għal tali użu għad iridu jiġu stabbiliti fil-liġi nazzjonali iżda għandhom jirrispettaw il-kriterji u s-salvagwardji ġenerali stabbiliti fir-Regolament: awtorizzazzjoni ġudizzjarja jew amministrattiva minn qabel, talba, ħruġ u eżerċizzju tal-awtorizzazzjoni minn qabel kif ukoll l-indikazzjoni tar-reati kriminali li fir-rigward tagħhom jistgħu jintużaw tali sistemi.

PUBLIC

20. Is-sistemi tal-IA huma tip partikolari ta' software. Għalhekk, ir-regoli armonizzati li japplikaw għat-tqegħid fis-suq jew għat-tqegħid fis-servizz/fl-użu tas-sistemi tal-IA huma regoli armonizzati simili għal dawk dwar is-sikurezza tal-prodotti. Huma japplikaw b'mod uniformi mingħajr ma jiddistingwu bejn utenti pubbliċi u privati. Skont il-Premessi rilevanti tar-Regolament propost, għandha għalhekk tiġi żgurata protezzjoni konsistenti u ta' livell għoli fl-Unjoni kollha. Fl-istess ħin, jeħtieġ li jiġu evitati d-diverġenzi li jfixklu l-moviment liberu tas-sistemi tal-IA u tal-prodotti u s-servizzi relatati fis-suq intern. Dan jista' jinkiseb billi jiġu stabbiliti obbligi uniformi għall-operaturi u tiġi ggarantita l-protezzjoni uniformi tar-raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku u tad-drittijiet tal-persuni fis-suq intern kollu abbażi tal-Artikolu 114 TFUE[12].

21. Ir-Regolament propost fih diversi referenzi għall-infurzar tal-liġi, il-ġestjoni tal-kontroll tal-fruntieri u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Anness III dwar sistemi tal-IA b'riskju kbir (il-punti 6, 7 u 8 rispettivament). Dawn jinkludu enumerazzjoni dettaljata u eżawrjenti li tikkorrispondi għall-Artikolu 6(2) flimkien ma' sistemi oħra b'riskju kbir fir-rigward tar-riskji għas-sikurezza tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 6(1). Tabilħaqq, skont l-Artikolu 6(1), xi sistemi tal-IA għandhom jitqiesu bħala b'riskju kbir minnhom infushom minħabba s-severità mistennija u r-riskji għoljin tagħhom għad-drittijiet fundamentali, is-saħħa u s-sikurezza. Sistemi oħra meqjusa ta' riskju kbir u elenkati fl-Anness III jinkludu l-edukazzjoni, il-ġestjoni ta' infrastrutturi kritiċi, l-impjiegi, l-identifikazzjoni bijometrika u l-kategorizzazzjoni kif ukoll l-aċċess għal servizzi pubbliċi u privati essenzjali.

[12] Għalhekk, hu meħtieġ qafas legali tal-Unjoni li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali biex jitrawwem l-iżvilupp, l-użu u l-adozzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fis-suq intern li fl-istess ħin jissodisfa livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħas-saħħa u s-sikurezza, u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, kif rikonoxxuti u mħarsa bil-liġi tal-Unjoni. Biex jintlaħaq dak l-objettiv, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw it-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fis-servizz ta' ċerti sistemi tal-IA, u b'hekk ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u dawk is-sistemi jitħallew jibbenefikaw mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-prodotti u tas-servizzi (ara l-Premessi 2 u 5 tal-Proposta).



PUBLIC

22. Madankollu, tali regoli dwar is-sistemi tal-IA b'riskju kbir ma jipprevedux jekk l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji (jew dawk fl-oqsma l-oħra identifikati) għandhomx jużaw dawk is-sistemi jew le. Ir-Regolament propost ser jipproduċi biss indirettament l-effetti tiegħu fuq l-iżvilupp reali tas-sistemi tal-IA li jistgħu jintużaw mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, u fuq is-sistemi tal-IA li qed jintużaw bħalissa u fil-futur. Għalhekk, ir-regoli jirreferu għal sistemi tal-IA li huma "*maħsuba biex jintużaw*" minn tali awtoritajiet (ara eż. L-Artikoli 3(12), 8(2) u l-Anness III). Il-konsegwenza tal-elenkar ta' sistema tal-IA bħala ta' riskju kbir hija l-applikazzjoni ta' sett speċifiku ta' regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju, il-governanza tad-data u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. L-utenti ta' sistemi tal-IA b'riskju kbir bħal dawn għandhom jirrispettaw l-istruzzjonijiet tal-użu, iżommu reġistri u jwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data.

23. Barra minn hekk, l-obbligi tal-utenti minbarra dawk relatati mal-istruzzjonijiet għall-użu, jistgħu jiġu stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali u mingħajr preġudizzju għad-diskrezzjoni tal-utent fl-organizzazzjoni tar-riżorsi u l-attivitajiet tiegħu stess għall-fini tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza umana indikati mill-fornitur (l-Artikolu 29(2) tar-Regolament propost). Dawn ir-regoli jipprevedu aktar salvagwardji tad-drittijiet fundamentali għas-sistemi tal-IA b'riskju kbir.

PUBLIC

24. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, għandu jiġi enfasizzat li r-Regolament propost ma fihx regoli li għandhom l-għan li jippermettu jew jipprevjenu li sistema tal-IA ta' riskju kbir mqiegħda fis-suq tintuża mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Bl-effett tar-regoli proposti, ser tiġi applikata tikketta distinta (riskju kbir) għal sistema tal-IA żviluppata jew użata mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi bħala riżultat tal-użu maħsub tagħha. Dan l-użu jkun irregolat mil-liġi nazzjonali u, sa ċertu punt, jiġi deċiż mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi nnifishom. Tabilħaqq, ir-Regolament propost jistabbilixxi l-kondizzjonijiet minimi tal-użu fl-Artikolu 29 (limitati għall-istruzzjonijiet tal-użu) għas-sistemi tal-AI b'riskju kbir inkluż dawk elenkati fil-punti 6, 7 u 8 tal-Anness III li ser jiġu kkomplementati mil-liġi nazzjonali. Għalhekk, għandha ssir distinzjoni, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti, bejn, minn naħa waħda, l-għan maħsub tar-Regolament propost li mhuwiex li jirregola l-użu tas-sistemi tal-IA mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u, min-naħa l-oħra, l-effetti li jista' jipproduċi indirettament[13] li huma irrilevanti għall-fini tal-analiżi tal-adegwatezza tal-bażi ġuridika.

25. Il-punti 6, 7 u 8 (dwar l-infurzar tal-liġi, il-migrazzjoni u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja rispettivament) mhumiex predominanti fost is-sistemi tal-IA b'riskju kbir. Fil-fatt, skont ir-Regolament propost, sistema tal-IA b'riskju kbir mhijiex neċessarjament waħda elenkata fl-Anness III. Ħafna mis-sistemi b'riskju kbir huma fil-fatt dawk elenkati b'mod ġeneriku fl-Artikolu 6(1)(a) u (b) tar-Regolament propost (b'rabta mas-sikurezza tal-prodotti). Sistemi oħra tal-IA b'riskju kbir huma elenkati fl-Anness III li fihom il-punti 1 (identifikazzjoni bijometrika), 2 (infrastruttura kritika), 3 (edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali), u 4 (impjiegi, ġestjoni tal-ħaddiema u aċċess għal impjieg indipendenti) li huma relatati ma' oqsma oħra għajr il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni ("ĠAI"). L-utenti kollha ta' tali sistemi tal-IA b'riskju kbir huma soġġetti għal reġim uniformi stabbilit mhux fid-dawl tal-istatus speċifiku tagħhom (bħal jekk humiex operatur ekonomiku jew awtorità pubblika), iżda mill-perspettiva tal-protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tad-drittijiet fundamentali.

[13] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-21 ta' Ġunju 2018, *Ir-Repubblika tal-Polonja vs Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, C-5/16, EU:C:2018:483, il-paragrafi 63 sa 68, u s-sentenza tal-Qorti tat-22 ta' Ġunju 2022, *Leistritz AG vs LH*, C-534/20, EU:C:2022:495, il-paragrafu 28.



PUBLIC

26. Għalhekk, ir-Regolament propost fih regoli armonizzati dwar it-tqegħid fis-suq, it-tqegħid fis-servizz u l-użu ta' sistemi tal-IA jintużawx minn operaturi privati jew minn awtoritajiet pubbliċi inkluż, inċidentalment[14], l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji.

27. Apparti l-użu ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-fini tal-infurzar tal-liġi, li huwa soġġett għal regoli speċifiċi dwar l-ipproċessar tad-data personali (ara l-parti III hawn taħt), ir-Regolament propost ma fih l-ebda regola armonizzata dwar l-użu ta' sistemi tal-IA b'riskju kbir. Kif spjegat fil-paragrafi 18 u 19 hawn fuq, ir-referenza għall-użu ta' sistemi tal-IA b'riskju kbir essenzjalment hija relatata mal-istruzzjonijiet dwar l-użu tal-prodott (l-Artikolu 29) u hija marbuta mal-obbligi imposti fuq l-iżviluppaturi. Kif indikat fil-paragrafu 22, id-deċiżjoni dwar jekk l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarji jistgħux jużaw sistema tal-IA b'riskju kbir li titqiegħed fis-suq legalment skont ir-Regolament propost, hija f'idejn il-liġi nazzjonali u l-awtoritajiet nazzjonali.

28. Għalhekk, l-Artikolu 87(2) TFUE, b'mod partikolari l-punt (a) tiegħu, mhuwiex bażi ġuridika xierqa għar-Regolament propost. Ir-regoli fil-proposta la jippromwovu u lanqas jimpedixxu l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti. Sempliċiment, meta tali attivitajiet jitwettqu mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, ser ikun meħtieġ li jiġu rispettati għadd ta' kundizzjonijiet armonizzati u mhux speċifiċi biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-utenti. Bl-istess mod, l-għanijiet iddikjarati tar-Regolament propost ma jinkludux l-iżvilupp ta' tekniki investigattivi komuni. Ir-rekwiżiti proposti dwar l-użu ta' sistemi tal-IA ta' riskju kbir mhumiex speċifiċi għall-qasam tal-ĠAI, u ma jikkonċernawx il-kooperazzjoni tal-pulizija *stricto sensu* kif definit fit-TFUE.

---

14 Ara l-Opinjoni tal-Qorti, dwar il-*Konvenzjoni ta' Istanbul*, A-1/19, EU:C:2021:198, b'mod partikolari l-paragrafi 298, u 301.

29. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament propost, Stat Membru xorta jista' jiddeċiedi li jawtorizza l-użu ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-fini tal-infurzar tal-liġi. Meta jiddeċiedi hekk, l-Istat Membru għandu d-dmir li jistabbilixxi r-regoli dettaljati meħtieġa għat-talba, il-ħruġ u l-eżerċizzju tal-awtorizzazzjoni minn qabel kif ukoll ir-reati kriminali relatati għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni li l-użu tagħhom huwa awtorizzat[15]. Abbażi tal-eżitu tad-diskussjonijiet fil-Kunsill, dawn ir-regoli proposti ma jirriżultawx fl-għoti ta' setgħat ġodda f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali rispettivi. Minflok, l-użu ta' mekkaniżmi eżistenti jew futuri possibbli huwa ċirkoskritt bil-ħsieb li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dritt għall-privatezza u d-data personali.

30. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-Artikolu 114 TFUE huwa l-unika bażi ġuridika adegwata għar-regoli armonizzati dwar is-sistemi tal-IA b'riskju kbir, inkluż dawk użati mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, u kwalunkwe bażi ġuridika tal-ĠAI fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE, bħall-Artikolu 87 TFUE fir-rigward ta' dawk ir-regoli armonizzati, la hija ġustifikata u lanqas adegwata.

[15] Ta' min jinnota li l-Artikolu 5(4) tal-proposta jippreżenta ċerti karatteristiċi simili għall-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku 2002/58. B'mod partikolari, huwa jipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri jidderogaw minn ċerti projbizzjonijiet stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni. Fid-dawl ta' ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet nazzjonali maħsuba li jidderogaw minn din il-projbizzjoni neċessarjament jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li, min-naħa tiegħu, jiskatta l-applikazzjoni tal-Karta fir-rigward tagħhom.



PUBLIC

## III. ADEGWATEZZA TAL-ARTIKOLU 16 TFUE BĦALA BAŻI ĠURIDIKA ADDIZZJONALI

31. Ir-Regolament propost jinkludi l-Artikolu 16 TFUE bħala bażi ġuridika, dwar l-ipproċessar ta' data personali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, il-Premessi 25 u 26 tiegħu jinkludu referenza għall-Artikolu 6a tal-Protokoll 21 u l-Artikolu 2a tal-Protokoll 22 dwar l-ipproċessar ta' data personali fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità. L-Artikolu 16 TFUE huwa maħsub, fil-fehma tal-Kummissjoni, biex iservi esklużivament bħala bażi ġuridika għad-dispożizzjonijiet li jqiegħdu restrizzjonijiet fuq l-ipproċessar ta' data personali bijometrika b'mod komplementari meta mqabbel mad-Direttiva 2016/680 ("id-Direttiva LED").
L-Artikolu 5(1)(c) huwa fformulat bħala projbizzjoni fil-prinċipju, li għaliha japplika sett ta' tliet eċċezzjonijiet. B'mod konkret, l-użu ta' sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-fini tal-infurzar tal-liġi huwa pprojbit sakemm ma jkunx strettament meħtieġ biex (a) jitwettqu tfittxijiet immirati għal vittmi potenzjali tal-kriminalità, (b) jiġi evitat attakk terroristiku imminenti jew attakk fuq l-integrità fiżika/il-ħajja ta' persuna, (c) jinstab jew jiġi identifikat jew issir il-prosekuzzjoni ta' awtur jew suspettat ta' reat serju (b'referenza għall-Mandat ta' Arrest Ewropew). Rekwiżiti ulterjuri fl-Artikolu 5(2), (3) u (4) jorbtu ma' dan l-użu speċifiku tas-sistemi tal-IA mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, b'mod partikolari valutazzjoni tan-neċessità u tal-proporzjonalità, awtorizzazzjoni minn qabel (ħlief f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza), u deċiżjoni mill-Istati Membri dwar jekk jawtorizzawx jew le fil-livell nazzjonali l-użu speċifiku tal-għodod tal-IA f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

32. L-Artikolu 5 huwa dispożizzjoni dettaljata li tirregola użu speċifiku tal-għodod tal-IA li mhux biss għandha l-għan li tissupplimenta l-qafas leġiżlattiv eżistenti tal-Unjoni (il-LED, hija stess ibbażata fuq l-Artikolu 16 TFUE), iżda tirrikjedi wkoll qafas ta' implimentazzjoni nazzjonali.

33. Fis-sustanza, minkejja l-formulazzjoni tagħha bħala projbizzjoni, ir-regola speċifika fl-Artikolu 5 tista' tiġi deskritta bħala li tistabbilixxi qafas strett u eċċezzjonali tal-monitoraġġ ġeneralizzat u "f'ħin reali" minn strumenti tal-IA ta' individwi fi spazji miftuħa għall-fini tal-identifikazzjoni tagħhom. Il-projbizzjoni tmur ukoll lil hinn mill-użu sempliċi ta' kameras għar-reġistrazzjoni, u tirreferi għall-użu ta' għodod tal-IA għar-rikonoxximent awtomatizzat tal-karatteristiċi umani fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku (karatteristiċi bħall-uċuħ iżda wkoll il-mixja, il-marki tas-swaba', id-DNA, il-vuċi, l-ittastjar u sinjali bijometriċi jew ta' mġiba oħra). Dan jimplika wkoll il-qbid u l-identifikazzjoni konkomitanti ta' persuni permezz ta' tqabbil/verifika ta' data. Barra minn hekk, ir-regola għandha tiġi evalwata wkoll fid-dawl tal-fatt li identifikazzjoni "f'ħin reali" minn utenti privati fi spazji pubbliċi tista' tkun permessa wkoll (għal avvenimenti bħal logħbiet tal-futbol).

34. Aktar kjarifiki offruti mill-Kummissjoni jidhru li jindikaw li, attwalment, l-ebda Stat Membru jew possibbilment ftit Stati Membri rregolaw din il-kwistjoni speċifika, bil-ħsieb li jippermettu lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jużaw għodod tal-IA għal kxif "f'ħin reali" ta' individwi fi spazji pubbliċi. Madankollu, f'termini prattiċi, filwaqt li ma tressqet l-ebda evidenza konkreta li turi li l-prattiki u l-għodod eżistenti ser ikollhom jinbidlu, jidher ċar li t-tekniki ta' investigazzjoni futuri, il-metodi forensiċi u r-regoli dwar il-ġbir tal-evidenza ser ikollhom jintegraw dan l-approċċ ta' projbizzjoni/eċċezzjonijiet.

35. Sa fejn hija kkonċernata l-bażi ġuridika, jidher li d-dispożizzjonijiet li jimponu restrizzjonijiet fuq l-ipproċessar ta' data personali bijometrika b'mod komplementari (meta mqabbla mad-Direttiva LED) għandhom l-għan li jipproteġu d-data personali billi jistabbilixxu salvagwardji xierqa. Tali għan huwa marbut b'mod inseparabbli mal-għan tad-dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 114 TFUE, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett meta mqabbel mal-ieħor. Ir-Regolament propost għandu l-għan li jistabbilixxi qafas ġenerali dwar is-sistemi tal-IA skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju. F'dan il-kuntest, ir-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-IA b'mod orizzontali tista' tinkludi salvagwardji stretti applikabbli għal din is-sistema speċifika tal-IA ta' kxif "f'ħin reali". Għalhekk, tali sistema speċifika tal-IA li fiha salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data personali hija marbuta b'mod inseparabbli mal-objettiv ġenerali tat-titjib tal-funzjonament tas-suq intern u mhijiex sekondarja jew indiretta fir-rigward ta' dan tal-aħħar. Ir-Regolament propost għandu għalhekk ikun irregolat minn bażi doppja skont il-ġurisprudenza rilevanti (ara l-paragrafu 9 hawn fuq).



PUBLIC

36. Madankollu, tibqa' l-kwistjoni dwar liema bażi ġuridika għandha tintuża biex jiġi rregolat l-ipproċessar ta' data personali għall-użu tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 5(1)(c) sa (4) tar-Regolament propost. Fil-fatt, l-Artikolu 87(2)(a) TFUE jikkostitwixxi bażi ġuridika għal miżuri mis-servizzi tal-infurzar tal-liġi fir-rigward tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, li jikkonċernaw il-ġbir, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti.

37. Kif spjega l-Avukat Ġenerali fl-Opinjoni dwar il-PNR tal-Kanada (A1/15), l-Artikolu 16 TFUE, minn naħa, u l-Artikoli 87(2)(a) u 82(1)(d) TFUE, min-naħa l-oħra, ma jistgħux madankollu jżommu relazzjonijiet ta' tip ġerarkiku "*lex generalis — lex specialis*"[16]. L-Artikolu 16(2) TFUE huwa l-unika dispożizzjoni li tapplika għar-regoli relatati mal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet għall-prevenzjoni tal-kriminalità. Is-sempliċi fatt li l-Artikolu 5 jirreferi għal-lista ta' reati serji fid-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew ma jbiddilx din il-valutazzjoni: dik ir-referenza ma tfissirx li din id-Deċiżjoni Kwadru tapplika bħala tali[17]. Hija biss teknika leġiżlattiva biex jiġu elenkati reati serji mingħajr il-ħtieġa li jinħoloq Anness separat.

38. Jibqa' l-fatt li r-regola fl-Artikolu 5 ma hijiex stabbilita bħala mezz ta' delimitazzjoni ulterjuri tal-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' dawk il-miżuri relatati mal-ĠAI, iżda bl-għan li jiġi żgurat li, għall-futur, kwalunkwe użu ta' identifikazzjoni bijometrika "f'ħin reali" mis-sistemi tal-IA jirrispondi b'mod adegwat għat-tħassib dwar id-drittijiet fundamentali, u primarjament għall-ħtieġa li jiġi żgurat li d-data bijometrika tinġabar u tiġi pproċessata filwaqt li jiġi rrispettat id-dritt għall-privatezza u għad-*data* personali.

F'dan ir-rigward, ir-Regolament ma għandux l-għan li jistabbilixxi proċedura ġdida u obbligatorja speċifika għall-ĠAI, iżda pjuttost jiddependi fuq mezzi proċedurali ppruvati u ttestjati biex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali.

---

16 Ara l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali P. Mengozzi tat-8 ta' Settembru 2016, *Abbozz ta' ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea*, Kawża 1/15, EU:C:2016:656 il-paragrafi 112 sa 120.

17 Dwar l-implimentazzjoni ta' din il-lista ta' reati serji mill-Istati Membri, ara s-sentenza tal-Qorti tal-21 ta' Ġunju 2022, *Ligue des droits humains vs Conseil des ministres*, C-817/19, EU:C:2022:65, il-paragrafi 150 sa 152.



PUBLIC

39. Jekk l-Artikolu 16 TFUE huwa bażi ġuridika addizzjonali xierqa, dan iqajjem mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 6a u 2a tal-Protokolli 21 u 22 rispettivament. Kif spjegat fil-Premessi 25 u 26 tal-Proposta, dan ifisser li meta l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Irlanda jew fid-Danimarka jużaw sistemi tal-identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-prevenzjoni tal-kriminalità, u fejn l-Irlanda jew id-Danimarka ma jkunux marbuta bir-regoli korrispondenti dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija jew il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, dawk iż-żewġ Stati Membri mhux ser ikunu marbuta bl-Artikoli 5(1)(d), (2) u (3) tar-Regolament propost. Dan ma jfissirx li l-Artikoli 5(1)(d), (2) u (3) fihom regoli dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija, bħal regoli dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Dan ifisser sempliċiment li l-Artikoli 5(1)(d), (2) u (3) tar-Regolament propost, b'mod simili għad-Direttiva 2016/680 (il-"LED") li hija *lex generalis* adottata abbażi tal-Artikolu 16 TFUE, jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali bijometrika fil-kuntest partikolari ta' sistemi ta' identifikazzjoni bijometrika remota "f'ħin reali" fi spazji aċċessibbli għall-pubbliku għall-prevenzjoni tal-kriminalità u xejn aktar. Il-proposta tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward issegwi l-approċċ miżmum mil-leġiżlatur tal-Unjoni għal-LED, u, bħala tali, tikkonferma li r-rikors għall-Artikolu 87(2) TFUE f'dan il-kuntest għalhekk mhuwiex ġustifikat.

40. Iż-żieda tal-Artikolu 16 TFUE mal-Artikolu 114 TFUE f'dan il-każ hija ġustifikata mill-fatt li l-Artikoli 5(1)(d), (2) u (3) huma l-uniċi każijiet li jirregolaw l-użu ta' sistema tal-IA li tkun ġiet awtorizzata li tinterferixxi mad-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, li huwa *lex specialis* għall-qafas ġenerali tal-protezzjoni tad-data. Tali regoli *lex specialis* dwar il-protezzjoni tad-data li jaffettwaw l-użu ta' dawk is-sistemi sensittivi tal-IA ma jistgħux jitqiesu bħala sekondarji jew indiretti fir-rigward tal-bażi ġuridika tas-suq intern. Għalhekk, iż-żieda tal-Artikolu 16 TFUE bħala bażi ġuridika hija ġustifikata biżżejjed fir-Regolament propost u r-rikors għall-Artikolu 87(2)(a) TFUE mhuwiex xieraq.

## IV. KONKLUŻJONI

41. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, is-SLK huwa tal-fehma li:

a) Ir-rikors għall-Artikoli 16 u 114 TFUE bħala bażijiet ġuridiċi għar-Regolament propost huwa ġustifikat u xieraq;

b) Ir-rikors għall-Artikolu 87(2) TFUE jew għal kwalunkwe bażi ġuridika oħra tal-ĠAI mhuwiex ġustifikat jew xieraq fir-rigward tar-regoli armonizzati applikabbli għas-sistemi tal-IA li jistgħu jiġu pprovduti jew użati mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarji.

PUBLIC